**20 ta' Jannar, 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Salvatore Bongailas

*versus*

Joseph Mercieca

**Danni — Responsabilita — Ħtija kontributorja — Kolliżjoni.**

*Il-kwistjoni tar-responsabilita f'inċidenti stradali wisq rarament tista tiġi risoluta sempliċement bl-applikazzjoni ta' regoli "a priori" u kull każ jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Fil-każ il-Qorti ndagat dwar ir-responsabilita ta' sewwieq ta' karozza fil-konfront ta' pedestrian li ġie midrub fatalment f'inċident stradali, dwar il-possibilita li kien hemm ħtija kontributorja da parti tal-pedestrian.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biħ l-atturi — *premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; premess illi l-imsemmi* Elia Bongalais sive Bongailas waqt li kien jaqsam it-triq bir-riġel ġie milqut mit-truck numru 24054 misjuq mill-konvenut, *liema* inċident ġara imħabba inattenzjoni, imprudenza, negliġenza, imperizja u/jew inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; premess illi dak l-investiment ġieb il-mewt tal-istess Elia Bongalais sive Bongailas, u l-atturi bħala l-eredi tiegħu huma intitolati għar-risarċiment tad-danni kollha konsegwenzjali, li jirriżultaw waqt il-kawża— talbu illi l-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li huwa responsabbli għad-danni kaġonati bl-inċident fuq imsemmi li ġieb il-mewt ta' Elia Bongalais sive Bongailas fil-grad u proporzjon li tistabilixxi dina l-Qorti, ikun ikkundannat iħallas lill-atturi fil-kwalità tagħhom fuq indikata bħala werrieta tad-decuius id-*danni kollha lilhom risarċibbli* għall-istess grad u proporzjon ta' responsabbilità fl-ammont li jiġi minn dina l-Qorti determinat okkorrendo permezz ta' periti li jiġu nominati, bl-imgħaxijiet legali u l-ispejjes komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 1965 u tad-data tal-lum, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-inċident li fih Elia Bongalais sive Bongailas ġie korrut u in segwitu miet l-isptar kien dovut unikament għall-ħtija tiegħu billi qasam it-triq mingħajr ma ħa l-prekawzjoni meħtieġa li jara li t-triq kienet libera u dan kif jirriżulta mill-kawża kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Mercieca" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' April, 1964; subordinatament, u mingħajr preġudizzju, *l-imsemmi Bongailas li kellu* aktar minn sittin sena, ma kien jagħmel ebda xogħol u ma tilef ebda profitt għaliex huwa kien il-proprietarju ta' char-a-banc u kien jaħdem fuq dan ix-char-a-banc; fl-aħħarnett,

anki kieku din il-Qorti kellha ssib li l-konvenut kien b'xi mod ikkontribwixxa għall-*inċident id-danni li jistgħu jiġu likwidati, ma għandhom ikunu qatt erbat elef lira (£4,000)* kif ġew mitluba mill-atturi;

Rat ir-relazzjoni *tal-perit ġudizzjarju* Dr. Marcel Bianchi, minnu maħlufa fid-19 ta' April, 1966;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 1966 li biha t-talbiet ta' l-atturi ġew miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom, wara li kkunsidrat:—

Li fis-seduta tat-8 *ta' Novembru*, 1965 quddiem il-perit ġudizzjarju l-partijiet għamlu riferenza għall-provi prodotti quddiem il-Qorti Kriminali *tal-Maġistrati* ta' Malta fil-kawża "Il-Pulizija *vs* Joseph Merciea" deċiża fit-2 ta' April, 1964; u qablu li, għall-mument il-perit legali għandu jillimita l-inkarika tiegħu għall-kwistjoni tar-responsabbilità, u li għandu jestendi r-relazzjoni tiegħu fuq din, fuq provi prodotti fil-kawża kriminali;

Ikkunsidrat:

Li l-Qorti tħoss li għandha tirreleva, qabel xejn, li għalkemm jidher li ma hemmx kontestazzjoni li Elia Bongailas, miet f'Saint Luke's Hospital fit-18 ta' Awissu, 1963, skond kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu esibit, eppure, mill-proċess ma jirriżulta minn imkien jekk il-mewt li ġrat il-ġurnata wara, kienitx konsegwenza diretta tal-inċident u tal-feriti minnu riportati f'dik l-okkażżjoni. Ma xehed ebda tabib quddiem dina l-Qorti biex jispjega n-ness tal-kontinwità li kien hemm bejn l-inċident u l-mewt ta' Bongailas. Setgħu intervenew xi kawżi oħra indipendenti mil-lesjonijiet riportati mid-decuius, li kellhom influwenza awtonoma fuq

il-mewt tas-sinistru jew li kkontribwew konkomitantement mal-kawża tal-mewt b'mod li dina ma kienitx tiġri kieku ma kienux jesistu dawna l-kawżi estranei għaliha bħal ma setgħu kienu xi marda serja preessistenti jew xi debolezza kostituzzjonali *tad-decuius*;

Li dina l-konsiderazzjoni hija ta' natura preliminari, u jista jkollha r-riperkussjonijiet tagħha fil-meritu favur jew *kontra* l-pretensjoni *tal-atturi*, skond kif tkun deċiża aktar 'il quddiem il-kwistjoni tar-responsabilità;

**Ikkunsidrat;**

Li, il-fatti li taw lok għal dana l-inċident jistgħu jiġu hekk kompendjati; Elia Bongailas, ta' xi 62 sena għal ħabta tal-10.30 jew 11.00 a.m. tas-6 ta' Awissu, 1963, ħareġ mill-ħanut ta' mastrudaxxa ta' ċertu Carmelo Farrugia, li hemm f'Gate Avenue, Żebbug, u beda miexi 'l fuq, fuq il-bankina ta' *dina l-istess naħa*. X'*ħin wasal qiesu* quddiem "Catherine House", u kważi biswit l-"Elia Garage", fuq in-naħa l-oħra tat-triq, fejn ried imur, Elia Bongailas qabad jaqsam u wara ftit instema' *l-ħoss ta'* brakes u dan ir-raġel *ġie milqut u mixħut la ġenba mill-van numru* 24054, misjuq mill-konvenut li dak il-ħin kien ġej mid-direzzjoni tal-Belt. Bid-daqqa Bongailas ġie ferut gravament, u tnax il-ġurnata wara, ċioè fit-18 ta' Awissu, 1963 miet f'St. Luke's Hospital. Qabel ma miet għamel dikjarazzjoni "in articolo mortis", fejn *tra altro, qal*:—

"Qabel ma bdejt naqsam Gate Avenue, Żebbug ittawwalt lejn id-direzzjoni tal-Belt u *ma* rajt ebda karrozza ġejja. Fejn in-naħa tat-triq li kont jien, 'il fejn kont qiegħed inħares hemm ċertu għoli ta' bitħa li jostakola l-viswalità. Jiena qdejt naqsam it-triq u meta wasalt fin-nofs tat-triq

smajt ħoss li ma nistax ngħid kienx ħorn jew brake. F'daqqa waħda ħassejt id-daqqa u ntlift minn sensija. Jiena ma rajtx il-karrozza ġejja, però mill-ħoss li smajt ikkonkludejt li kien ġej bi speed qawwi";

Ikkunsidrat;

Li l-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni elaborata tiegħu wasal għall-konklużżjoni li l-konvenut għandu jkun ritenut unikament responsabbli għall-mewt li ġarrab Elia Bongailas, bħala konsegwenza tal-investiment tiegħu mill-van misjuq mill-konvenut;

Li l-perit ġudizzjarju ibbaża dina l-konklużjoni miżżewġ kriterji li ċioè (1) il-"pedestrian" għandu d-dritt li juża t-triq bħal m'għandhom "road-users" oħra, b'mod li huma intitolati għall-"reasonable care" mill-parti tad-drivers, anki meta jinżlu mill-bankina, u jkunu fil-"carriage way"; u (2) li l-pedestrian ma jistax jingħad li għandu dejjem raġun jekk jiġi milqut, għaliex huwa wkoll għandu d-dover li joqgħod attent qabel ma jaqsam it-triq;

Li l-perit ġudizzjarju fuq l-iskorta ta' diversi misurazzjonijiet tal-konformazzjoni u wisa tat-triq fejn sar l-inċident, u tal-kontinwità tal-brake marks, flimkien mad-depożizzjoni li ta Bongailas "in articolo mortis" ikkonkluda li meta d-decuiuis qasam it-triq ma kkommetta ebda trasgressjoni li setgħat tiġbed fuqu r-responsabbilità tal-inċident;

Il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-provi u ċ-ċirkostanzi li taw lok għall-inċident, waslet għall-konklużżjoni li l-motivi tal-perizja ġudizzjarja li induċew lill-perit jaddossa r-responsabbilità tal-mewt ta' Bongailas fin-negliġenza tal-konvenut ma jistax jiġu adottati, għaliex il-fatt unika

kawża tal-inċident kien l-istess Bongailas, kif sejjer jiġi rilevat aktar l-isfel;

Ikkunsidrat;

*Li l-Qorti bbażat dina l-konklużjoni tagħha fuq dawna l-konsiderazzjonijiet:—*

1) *Li l-istess mejjet għalkemm qal li ma rax il-van tal-konvenut ġejja, eppure huwa argumenta mid-daqqa li ħa, (meta intilef istantaneament), li kienet ġejja bi speed qawwi;*

2) Li dina l-asserzjoni hija kontradetta minn xhieda okulari;

3) Li, fejn qasam Bongailas, mal-bankina kien hemm van ipparkjata. Dina ċ-ċirkostanza qaluha l-konvenut u x-*xhud P.C. Carmelo Bugeja li kien ra l-fasijiet kollha tal-*inċident;

4) *Li l-versjoni* tal-konvenut li Bongailas wera xi inċertezzi meta *kien qiegħed* jaqsam it-triq tista tiġi aġevolment desunta minn dak *li rriferixxa* x-xhud Manuel Bezzina dwar l-atteġġjament ta' Bongailas wara l-inċident, f'dawna l-kliem:— *"Daqqa beda jlum lil tat-truck, u daqqa beda jlum lilu nnifsu"*. Irriżulta li dak il-ħin Bongailas kien jitkellem u kien f'sensih.

5) Li l-konvenut ma setgħax kien għaddej f'nofs it-*triq* meta seta ra lil Bongailas jaqsam, għaliex kieku ma *kienx jinsab f'nofs it-triq* wara *li swervja biex jevita lil* Bongailas *li* spiċċa biex laqtgħu bil-fanal tax-xellug. Il-vera *posizzjoni tal-konvenut* qabel il-ħabta, u meta skorra

ċ-ċint sporġut fuq it-triq max-xellug tiegħu, kienet dik deposta minn Bastjan Mercieca, iġifieri, il-konvenut kien miexi fuq ix-xellug, però *maqluh ftit il-barra*;

6) Li meta wasal ħdejn Bongailas il-konvenut applika l-brakes, iżda Bongailas inħasad, reġa' pass lura u għalhekk, nonostanti l-ispostament tal-karrozza lejn il-lemin, Bongailas ġie milqut mill-fanal tax-xellug tagħha. Kieku Bongailas waqaf il-probabilità kienet li l-konvenut kien jevitah;

7) Li huwa minnu li t-triq hija wiesa' wieħed u erbgħin pied fejn sar l-inċident; ma rriżultax li hemm "zebra crossing";

8) Li rriżulta li l-brake marks estendew ruħhom in kontinwità għall-erbgħin pied. Però, dana ma jħssirx li Bongailas kien ġustifikat li jiddeporta ruħu kif għamel; u anqas ma jħsser li bil-fors il-konvenut kien għaddej bi speed ta' *tletin mil fis-siegħa*; għaliex hemm iċ-ċirkostanza li ma ġietx rilevata mill-perit, li ċioè li kien mgħobbi bi tliet qnatar ħaxix, u għalhekk l-effikaċja tal-"braking power" fuq il-momentum kienet ridotta in konsiderazzjoni tal-kariku tal-van, li baqa' miexi aktar milli jmissu wara l-applikazzjoni tal-brakes li kienu f'kondizzjoni effiċjenti ħafna (P.S. Philip Gatt) allavolja kien għaddej bi speed inferjuri għal dak li soltu traiettoria ta' brakes simili tindika bħala speed reali tal-vettura taħt ċirkostanzi normali, ta' triq, ta' visibilità, ta' temp;

Li dana l-kriterju jidher illustrat fid-diagram anness mal-"High way code" tal-Ingilterra, u riportat minn Terrell's Law of Running Down cases" (paġ. 364) biex jispjega taħt il-prinċipju li "vehicles cannot stop dead" li meta

tirriżulta braking distance ta' 45 pied, il-veloċità tkun ta' 30 mil fis-siegħa, u li għalhekk anki taħt dana l-aspett il-veloċità tal-van tal-konvenut, kienet inferjuri għall-tletin mil fis-siegħa billi rriżulta li l-braking distance kienet madwar erbgħin pied;

Ikkunsidrat;

Li wasal iż-żmien li fuq dina l-materja ta' importanza fondamentali għas-sikurezza tat-traffiku fit-triqat tal-lum, il-Qorti tagħna, bid-deferenza kollha għall-prinċipji minnhom sostnuti sal-lum dwar il-kwasi assoluta inkompatibilità tal-"pedestrian", jiddiskostaw ruħhom, mill-presuppost li "il pedone costituisse il fulcro dei diritti alla strada, e che la legislazione dovesse rurare a proteggerlo da tutte le altre pericolose invasioni, prima di tutte quella degli autoveicoli". (Riccardo Peretti-Grenia; "Responsabilità Civili attenenti alla circolazione dei veicoli") (U.T.E.T. 1936 pag. 133);

Li, kull ħadd iħoss li dana l-konċett assolut mhuwiex aktar armonizzabbli mal-esiġenzi tal-ħajja soċjali tal-lum u mal-valutazzjoni ġuridika tad-drittijiet tas-singoli "Road users"; u għalhekk jidher meħtieġ li tiġi stabilita bejn dawna l-utenti tat-triq ċerta kwotazjoni ta' drittijiet proporzjonata għal dawk li għandhom ikunu l-esiġenzi ġusti u reali ta' kull wieħed minnhom, b'mod li, kif ġie provdut f'leġislazzjonijiet esteri, il-"pedestrian", ħlief f'ċerti kasi ta' neċessità, għandu jżomm ruħu barra miż-zona tat-triq destinata għall-vetturi, u, f'kwalunkwe kas għandu jirregola ruħu billi juża kawtela diliġenti, jew aħjar "by keeping a careful look-out all the time" (art. 53, Codice Stradale Italiano; art. 7 tal-"The Highway Code" tal-Ingilterra);

Li, huwa magħruf li l-moviment frenetiku, intens u as-

sorbenti *tal-ħajja moderna*, ma jistax jasal sal-punt li b'daqshekk jiġi attenwat ir-rispett dovut lill-ħajja tal-bniedem; iżda mill-banda l-oħra, ma jistax jibqa' leċitu għal ħadd li jistrieħ fuq patrimonju tal-kollettività, li hija t-triq, b'mod li jwaqqaf jew jirrallenta dak ir-ritmu li bżonnijiet tal-progress soċjali u individwali imprimew, lill-attività tal-bniedem;

Li, għalhekk, l-awtur fuq ċitat jikkonkludi sensiela ta' osservazzjonijiet fuq dana l-punt, b'dawna l-kliem; "Se si deve acuire, proporzionalmente col maggior pericolo, la cura del conducente dei veicoli, deve, di pari passo acuirsi la diligenza del pedone." (ibid. paġ. 136).

*Ikkunsidrat;*

Li huwa fatt notorju li llum, partikolarment fit-triqat dojoq tagħna, il-konġestjoni tat-traffiku saret fattur ta' kontinġenzi kontinwi fejn ir-riskju ta' min isuq u l-irresponsabilità ta' min jaqsam it-triq qegħdin jikbru fil-proporzjoni inversa; u għalhekk, ikun antiġuridiku u inammissibbli li tibqa' sseħħ it-teorija li l-pedesrian għandu dejjem raġuni, ħlief f'każi eċċezzjonali, u l-konducent tal-veikolu li nvestih għandu *jipprova* li ma kienx ħati tal-inċident;

Li fuq dana l-punt il-Qrati Italiani kellhom okkażżjoni li jenunċjaw dana l-prinċipju; — "Quando un evento dannoso sia conseguenza della violazione di una legge o di un regolamento, di un ordine o di una disciplina, la condotta del trasgressore va considerata di per se stessa antiguiridica e colposa, indipendentemente dalla prevedibilità dell'evento" (Cass. Regno, *26 Gennaio 1931*, ric. Bari; Foro Ital. 1931, II, 116).

Li, irriżulta li l-konvenut fil-mument tal-inċident ma kiser ebda regolament tat-traffiku, għaliex kien qiegħed isuq b'veloċità regolari, fuq in-naħa tat-triq aktarx lejn in-nofs billi kien għadu kif issorpossa ċ-ċint fuq riferit sporġenti fuq it-triq man-naħa tax-xellug tad-direzzjoni tal-van; u li kellu l-brakes u l-kontatti kollha fi stat effiċjenti;

Li l-mejjet ittraversa t-triq minn wara van li kien stazzjonat mal-bankina; u meta inoltra ruħu fit-triq wera ċerta tiflubanza fil-movimenti tiegħu li rrenda s-sewqan u l-kontroll tal-veikolu tal-konvenut jekk mhux diffiċili u imprattikabbli ċertament mhux faċili u aġevoli, imħabba dina ċ-ċirkostanza bruska u imprevedibbli.

Li skond l-art. 6 tal-Highway Code fuq riferit, taħt is-sotto titolu "Crossing the road" wieħed għandu juża "extra care if his view is limited by stationary vehicles or other obstructions."

Li huwa minnu li Bongailas xehed li huwa ħares lejn il-lemin tiegħu qabel ma qasam, iżda jekk huwa qasam minn wara l-imsemmi van stazzjonat mal-bankina, poġġa lill-konvenut f'posizzjoni li ma jistax jara meta u kif beda jaqsam it-triq, "e se si è trovato improvvisamente di fronte a un'automobile è in colpa, e non può in caso d'infortunio, reclamare un'indennità a colui che l'ha investito" (App. Pariġi 16 ta' Nov. 1933, "Adler vs. Perrot"; Dalloz. 1934, II; Risp. Civ. 1935, 231).

Li, għalhekk, taħt iċ-ċirkostanzi l-Qorti tirritieni li Bongailas kien fi ħtija meta qasam it-triq ("carriage way") mingħajr ma uża dawk li l-awturi jgħidulhom "cautele ispettive."

Li, b'daqshekk, jibqa' dejjem inkonklus il-prinċipju, enunċjat mid-dottrina ingliża in materja u adottat mill-Qorti tagħna li meta l-"pedestrian" ikun fil-"carriage way" hu intitolat għad-deliġenza raġonevoli mill-parti tad-drivers f'dik il-"carriage way" (*Charlesworth, The Law of Negligence*" pp. 93-94; Kollez. XXXVIII, iv, 859); purchè ma jabbużax, kull tant anki imprudentement, minn dana r-rispett lilu dovut, għaliex allura kif jafferma Planiol:— "Il diritto cessa ove ricomincia l'abuso" u kif josserva Paulus: "Nemo damnum facit nisi qui id fecit quod facere jus non habet."

Li dwar il-fatt riżultanti mill-provi li l-konvenut tfixkel meta instab fuq Bongailas, ma tista' b'daqshekk tiġi imputata ebda ħtija lill-konvenut għaliex l-apprensjoni tal-perikolu kienet ġustifikata, billi f'ċirkostanzi simili għal dawk indisamina, id-driver ma setax kellu dik il-kjarezza ta' ġudizzju li kien ikollu kieku ma nstabx f'dik l-emerġenza; u allura — kif irriteniet il-Qorti Kriminali (Sedi ta' Appell) in re "Il-Pulizija vs. George Grech", deċisa fil-15 ta' April, 1939, — dana l-istat ta' *emerġenza jeħles lill-konduċent mir-responsablità* tal-kollisjoni (Collez. XXX, iv, 617);

Li, fl-aħħarnett, l-asserzjoni tal-perit, li taħt iċ-ċirkostanzi l-mod ta' kif kien għaddej il-konvenut fil-mument tal-inċident jikkostitwixxi sewqan perikolus, ma tidhirx aċċettabbli, anki in konsiderazzjoni tal-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti, li ċioè kien Bongailas, bl-għemil inkonsiderat tiegħu, li ta kawża għal dina d-disgrazzja; u għalhekk ma jistax "*sic et sempliciter*", jiġi ritenut li l-konvenut kiser dina r-regola tat-traffiku mingħajr, kif jgħid Gibb, ma tieħu in konsiderazzjoni l-iskusanti tas-"surrounding circumstances" (Trial of Motor Car Accident Cases, pag. 34);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tagħhom tiġi milqugħa billi jiġi dikjarat illi l-konvenut kien responsabbli ta' l-inċident li fih Elia Bongalais irriporta lesjonijiet personali gravi li ġiebu l-mewt tiegħu, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut u billi l-kawża tiġi rinvjata lil-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-oħra.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjes kontra l-atturi;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

F'din il-kawża, il-partijiet, permezz ta' l-Avukati tagħhom, fit-tieni seduta miżmuma quddiem il-perit ġudizzjarju Dr. Marcel Bianchi, għamlu —

> "riferenza għall-provi prodotti quddiem il-Qorti kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-kawża "Il-Pulizija vs Joseph Mercieca" deċiża fit-2 ta' April, 1964, dwar il-punt tar-responsabbilità għall-inċident "de quo"; u għalhekk awtorizzaw lill-perit legali li jieħu kopja tad-deposizzjonijiet, skizzi u kwalunkwe dokument ieħor li hu jidhirlu li jkun rilevanti għall-każ".

Riferenza formulata f'dan il-kliem ġenerali u komprensiv donnha tfisser illi l-perit ġudizzjarju f'din il-kawża kellu l-awtorità li jieħu konjizzjoni mhux biss tad-deposizzjonijiet tax-xhieda ordinarji fil-kawża kriminali iżda wkoll tar-rapporti tax-xhieda esperti ossija periti li kienu hemm ġew nominati. F'dik il-kawża, difatti, kien ġie l-ewwel nomi-

nat bħala espert Edgar Felice u mbagħad, fuq talba ta' l-appellat — li kien l-imputat f'dik il-kawża — ġew nominati tliet periti oħra ċioè Dr. John Pullicino, Dr. Alfred Mifsud u John Cassar. Il-perit Felice kien ikkonkluda, bħal ma ikkonkluda Dr. Bianchi f'din il-kawża illi r-responsabbilità għall-aċċident kienet kollha u esklusivament ta' l-appellat. It-tliet periti l-oħra keinu ikkonkludew illi, għalkemm il-mejjet kien ikkontribwixxa għall-aċċident, l-appellat kien ukoll, in parti responsabbli, mingħajr (trattandosi ta' proċeduri kriminali) ma stabbilew il-proporzjon li fiha l-wieħed u l-ieħor kienu ikkontribew. Dana juri illi minn ħames periti li rrapportaw fuq il-każ, ħadd minnhom ma eżenta lill-appellat minn kull ħtija għall-aċċident: tnejn anzi irritenewh kompletament u unikament u tlieta parzjalment responsabbli.

Però għalkemm, kif intqal hawn fuq, ir-riferenza għall-provi miġburin fil-kawża kriminali kienet ġenerali u komprensiva b'mod li setgħat tinkludi ukoll il-prova magħmula permezz tal-periti, ma jidhirx illi l-perit ġudizzjarju f'din il-kawża, fil-fatt, għamel użu mir-rapporti tal-periti f'dik il-kawża u lanqas l-ewwel Onorabbli Qorti ma għamlet dan l-użu. Din il-Qorti għalhekk, f'din is-sentenza, ser issegwi l-istess triq u mhix sejra bl-ebda mod tinqeda b'dawk ir-rapporti i-kawża kriminali jew tagħmel riferenza għalihom. Ser tagħmel użu biss mill-provi miġburin f'dik il-kawża li minnhom għamlu użu il-perit ġudizzjarju fil-kawża preżenti u l-ewwel Onorabbli Qorti;

Għab-bażi ta' dawk il-provi, din il-Qorti taħseb bir-rispett illi l-appellat żgur ma jistax jiġi meħlus, kif ġie mill-ewwel Onorabbli Qorti, minn kull responsabilità; anzi jidhrilha li hu ċar illi r-responsabbiltà prinċipali kienet żgur tiegħu. Il-kwistjoni hi biss jekk il-mejjet ikkontribwiex ukoll għall-aċċident bi ħtija tiegħu u, fil-każ li ikkontribwix-

xa f'liema proporzjon.

Qabel xejn l-ewwel Onorabbli Qorti issollevat id-dubju jekk mill-proċess kienx jidher illi Elia Bongalais kien miet bħala konsegwenza tal-feriti riportati minnu fl-aċċident in kwistjoni. Kif ġa intqal il-partijiet f'din il-kawża għamlu riferenza għall-provi miġburin fil-kawża kriminali. F'dik il-kawża kien xehed Dottor Albert Bartolo li kkonferma ċ-ċertifikat tal-mewt rilaxxat fit-18 ta' Awissu, 1963 u li kien jgħid illi "l-marda jew kondizzjoni li kkaġunat direttament il-mewt kienet Uraemia dovuta għal (jew konsegwenza ta') Multiple injuries". Dan iċ-ċertifikat ma kien isemmi ebda kawża jew mard ieħor li sata ikkontribwixxa għall-mewt. Dr. Bartolo kompla jixhed illi l-mejjet kien ġie rikoverat l-Isptar wara l-inċident awtomobilistiku u li l-leżjonijiet multipli li kellu kienu l-kawża diretta ta' l-uremija u din ta' l-aħħar kienet il-kawża diretta tal-mewt. Dr. Bartolo żied illi hu ma kienx jaf lill-mejjet qabel u għalhekk ma setax jeskludi li qabel l-inċident seta' kien marid bil-kliewi. Dottor Bartolo kien ġie riprodott u xehed illi l-uremija tista' tkun il-kawża, diretta tal-feriti riportati mill-mejjet Bongalais; l-uremija tista tiġi ukoll minn mard kroniku tal-kliewi.

Iżda ebda prova ma hemm illi l-mejjet, fil-fatt kien marid bil-kliewi. Fil-kawża kriminali xehed ukoll it-Tabib Mario Tua li qal li kien it-tabib kuranti tal-mejjet li kellu osteo-artrite f'waħda mill-irkoptejh iżda "ma jafx li kien jbati biex jagħmel l-urina." Xehed ukoll Antonio Coleiro li qal li kien ikun spiss mal-mejjet għax kien impjegat miegħu u kien ilu jafu minn ħames sa sitt snin u qatt ma semma miegħu li kien marid bil-kliewi.

Minn dana kollu fl-assenza assoluta ta' ebda prova kuntrarja da parti ta' l-appellat, il-Qorti jidhrilha li għandu

jitqies li ġie provat illi l-kawża tal-mewt ta' Bongalais kienet uremija prodotta direttament mil-leżjonijiet gravi — u mhux minn xi kawża oħra — li hu sofra fl-aċċident in kwistjoni. Del resto la fi Prim'istanza u lanqas fl-appell l-appellat ma qanqal ebda kontestazzjoni fuq daqshekk.

Il-kwistjoni tar-responsabbilità f'aċċidenti stradali wisq rarament tista tiġi riżoluta sempliċement bl-applikazzjoni ta' regoli "a priori". Ir-regoli ġenerali jistgħu jgħinu bħala gwida, iżda kull każ jiddifferixxi minn ieħor u irid jiġi riżolut in bażi għall-fattispeċje u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Naturalment din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi m'hemm ebda presunzjoni li, fil-każ ta' aċċident bejn motor car u pedestrian, il-pedestrian għandu dejjem raġun. Iżda b'danm kollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passaġġ tal-pedesrians, pedestrian li juża t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies bħala xi intruż: u fil-waqt illi l-pedestrian għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti oħra tat-triq sitwazjonijiet ta' perikolu jew emerġenza, minn naħa l-oħra id-drivers ta' karrozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunx ta' perikolu jew dannu għall-pedestrians li għandhom ukoll id-dritt li jużaw t-toroq.

L-inċident in kwistjoni ġara go triq wiesa u għal ċerta distanza dritta, fejn ma kienx hemm dak iż-żmien u anqas hemm issa, ebda regolament speċjali ta' pedestrian crossings. Bongalais kien qed jaqsam min naħa waħda tat-triq fejn kien mar jagħmel qadja, għad-dar tiegħu, kważi faċċata fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għalhekk Bongalais ma kienx qed jikser ebda disposizzjoni ta' xi liġi poži-

tiva. *Mill-banda l-oħra anqas jidher li Bongalais* kien qed jikser xi regola ta' prudenza jew attenzjoni meta beda jaqsam it-triq. *Fid-dikjarazzjoni* tiegħu "in articulo mortis" hu qal illi "qabel beda jaqsam hu ittawwal lejn id-direzzjoni tal-Belt( ċioè lejn id-direzzjoni mnejn ġiet il-karrozza ta' l-appellat). *Li Bongalais* tassew ħares qabel beda jaqsam hu konfermat mix-xhud Carmelo Farrugia. Anki meta raġa xehed quddiem din il-Qorti Carmelo Farrugia qal: "Meta Bongalais ħares mill-ħanut tiegħi wara li ġiebli l-bicycle, jiena rajtu l-ewwel jimxi fuq il-bankina fuq ix-xellug għal xi 15-25 pass, *imbagħad rajtu* jinżel mill-bankina biex jaqsam għad-dar tiegħu fuq *in-naħa* l-oħra tat-triq **wara li ħares lejn il-lemin. . . .**"

Bongalais qal illi meta ħares qabel beda jaqsam **hu ma ra ebda karrozza ġejja.** Din il-Qorti temmen illi dak il-mument il-karrozza ta' l-appellat kien għad ma feġġitx ġo Gate Avenue *minn* wara li sporġenza li dak iż-żmien kien *hemm*. Carmelo Farrugia xehed quddiem din *il*-Qorti illi meta Bongalais niżel mill-bankina biex jaqsam it-triq hu rah "miexi regolari" bl-istess pass li kien miexi qabel fuq il-bankina. *Jidher mill-provi* illi għalkemm il-mejjet kellu 62 sena hu kien bniedem 'f'siktu u f'saħtu' u attiv ħafna. *Fuq il-bażi* tal-kalkoli *li għamel il-perit ġudizzjarju il-Qorti* jidhrilha li jista jiġi inferit illi biex Bongalais mexa mal-bankina fejn beda jaqsam sa nofs it-triq fejn ġie milqut (xi 21-22 pied) kien *jinħtieġ* iktar żmien minn dak *li* kien jinħtieġ biex il-karrozza ta' l-appellat, anki bli speed ta' bejn 20 u 25 mil fis-siegħa kif *qal* hu *tikkopri* d-distanza li kien hemm bejn *li* sporġenza u l-post tal-laqta (ċirka 160 pied). Fil-fatt il-Qorti tirritieni fuq il-bażi wkoll tal-kalkoli li għamel il-perit ġudizzjarju illi li speed li bih kien isuq l-appellat kien aktar qrib, lejn it-30 mil fis-siegħa milli kien qrib il-25 (*Għal van* tal-forza li kellha il-van tal-appellat,

tliet qnatar ħaxix (*mhux tliet tunnellati*) ma jidhrux li setgħu jagħmlu xi *differenza rilevanti* fuq il-braking distance).

Minn dana jiġi *illi malli* l-appellat tfaċċa ġo Gate Avenue wara li skorra li sporġenza, Bongalais kien ġa beda jaqsam it-triq u l-appellat messu rah u ddiposta ruħu konformament biex ma jolqtux: jekk hu ma rahx ħlief meta hu kien wasal aktar *il-quddiem*, xi 70 pied biss il-bogħod *minn* fejn saret il-ħabta, dana jfisser *illi* hu ma kienx attent. Kif sewwa qal il-perit ġudizzjarju, il-fatt li fuq in-naħa tat-triq minn fejn Bongalais qasam kien hemm ipparkjata karrozza mal-bankina ma *kienx tali li* sata jostakolalu li jara lill-mejjet. Iben l-appellat, Sebastian Mercieca, li kien riekeb filkabina tad-driver ma missieru u li bħalu mela kellu l-opportunità li jara quddiemu, xehed illi hu ra lil Bongalais meta dan kien ġa "*qed jipprova jaqsam min-naħa tax-xellug* tagħhom u wasal sa nofs it-triq, meta l-appellat applika l-brakes.

Imma anki jekk wieħed jassumi għall-grazzja ta' l-argument li l-appellat ra lil Bongailas l-ewwel darba ser jaqsam meta kien bogħod minnu xi 60-70 pied (u jassumi li ma setgħax jarah qabel), l-appellat kieku kien okulat u qed isuq sewwa kellu żmien biżżejjed biex jieqaf u jevitah. Jekk hu ma setax jieqaf f'dik id-distanza dan kien jew għaliex li speed tiegħu kien qawwi, iżjed mill-20-25 mil fis-siegħa li qal hu, inkella ma għafasx kif messu il-brakes li *jirriżulta li kienu* effiċjenti ħafna. Skond ma qal l-appellat innifsu hu beda jagħfas il-brakes meta l-mejjet kien ġa wasal f'nofs it-triq.

Ġa la darba l-appellat ma għażelx li jieqaf meta kien għadu fil-ħin li jista jagħmlu — jew biex jagħti lil Bonga-

lais iċ-chance li jaqsam jew almenu biex jara x'kien ser jagħmel — allura l-appellat kellu l-obbligu almenu li jiddevja d-direzzjoni tiegħu biex jitbiegħed minnu. *Eppure li* sketch juri illi l-appellat ma għamel ebda manuvra enerġika jew deċisiva biex jevita lil Bongalais. Il-komportament tiegħu jidher li kien indeċiż u inċert. Mill-banda l-waħda hu ma applikax bis-saħħa l-brakes u mill-banda l-oħra anqas ħa l-azzjoni evasiva li kien *imissu imma kważi* baqa miexi għad-dritt fin-nofs tat-triq, anzi imxaqleb lejn il-lemin lejn fejn Bongalais kien jidher sejjer ħlok ma kiser bruskament lejn ix-xellug biex jevita lil Bongalais minn warajh.

Il-verità tidher li hi illi hu, meta induna tard (bi ħtija tiegħu, *kif tħaseb* il-Qorti) bil-preżenza ta' Bongalais, tfixkel u kull ma għamel għamlu *ħażin*. Is-Surġent Philip Gatt l-appellat qallu "tfixkilna t-tnejn". *Il-Qorti hi tal-fehma illi* l-appellat tfixkel ħtija tiegħu għax kien qed isuq ħażin. Jekk Bongalais tfixkelx ukoll u, jekk tfixkel, dan kien ħtija tiegħu, ser jingħad dalwaqt aktar il-quddiem.

Mill-bqija, rigward ir-responsabilità ta' l-appellat din il-Qorti jidhrilha li għandha taqbel mar-raġunamenti u konklużjonijiet magħmulin u raġġunti mill-perit ġudizzjarju.

Iżda l-Qorti ma jidhriliex illi fiċ-ċirkostanzi kif jidhru mill-provi għandha takkolla il-ħtija interament fuq l-appellat bla ebda diminuzzjoni. Meta inqalgħet l-emerġenza — sija pure kreata mis-sewqan *ħażin* ta' l-appellat — jidher illi anki Bongalais "tfixkel" u bil-movimenti tiegħu ikkonfonda aktar lill-appellat. Donnu li anki l-mejjet in-nifsu, immedjatament wara l-aċċident *irrealizza illi anki hu kellu xi* daqsxejn tort għal dak li ġara. Manwel Bezzina li akkompanjah fil-karrozza għall-isptar xehed illi, sakemm wasal Bongalais beda jitkellem, però mhux wisq bis-sens għal-

kemm kien f'sensieh sewwa: "daqqa beda jlum lil tat-truck u daqqa beda jlum lilu n-nifsu". Hu beda jlum lilu n-nifsu aktarx għaliex, meta sab il-karrozza ta' l-appellat kważi fuqu, hu *ikkonfonda* u l-ewwel mexa lura u mbagħad raġa mexa l-quddiem, waqt illi l-appellat jidher li kien ġibed lejn il-lemin biex jevitah. Din l-inċertezza da parti ta' Bongalais, anki jekk *komprensibbli* u *żkużabbli*, ikkontribwit għall-*kolliżżjoni* iżda l-Qorti jidhrilha fi grad ta' mhux iżjed minn $\frac{1}{4}$.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell ta' l-atturi, tirevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa t-talba ta' l-atturi fis-sens li tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-aċċident li ġieb il-*mewt* ta' Elia Bongalais fil-proporzjon ta' *$\frac{3}{4}$ peress illi rigward il-$\frac{1}{4}$ l-ieħor ikkontribwixxa għal dak* l-aċċident l-istess Elia Bongailas u *tordna* li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni mitluba mill-atturi fuq dik il-bażi.

L-*ispejjes* taż-żewġ istanzi inkorsi sa issa jitħallsu $\frac{3}{4}$ mill-Konvenut u $\frac{1}{4}$ mill-atturi.